

2) Novartis Europharm Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha stess kif ukoll għal dawk esposti mill-Kummissjoni Ewropea, minn Teva Pharma BV u minn Hospira UK Ltd fil-Kawżi C-629/15 P u C-630/15 P.

(¹) ġu C 38, 1.2.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-27 ta' Ġunju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado Contencioso-Administrativo nº 4 de Madrid – Spanja) – Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania vs Ayuntamiento de Getafe

(Kawża C-74/16) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Għajnuna mill-Istat — Artikolu 107(1) TFUE — Kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" — Kunċetti ta' "impriżza" u ta' "attività ekonomika" — Kundizzjonijiet oħra għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE — Artikolu 108(1) u (3) TFUE — Kunċetti ta' "għajnuna eżistenti" u ta' "għajnuna ġidida" — Ftehim tat-3 ta' Jannar 1979 konkluż bejn ir-Renju ta' Spanja u s-Santa Sede — Taxxa fuq il-kostruzzjoni, l-installazzjonijiet u x-xogħlijet — Eżenzjoni favur proprjetà immobblī tal-Knisja Kattolika)

(2017/C 283/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado Contencioso-Administrativo nº 4 de Madrid

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania

Konvenut: Ayuntamiento de Getafe

Dispożittiv

Eżenzjoni fiskali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tibbenfika minnha kongregazzjoni li tappartjeni lill-Knisja Kattolika għal-xogħlijet imwettqa fi proprjetà immobblī intiża għall-eżerċizzju ta' attivitajiet li ma għandhom ebda għan strettament reliġjuż, tista' taqa' taħt il-projebuzzjoni stabilita fl-Artikolu 107(1) TFUE jekk, u sa fejn, dawn l-attivitajiet huma ekonomiċi, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivveriżi ka.

(¹) ġu C 145, 25.4.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-6 ta' Lulju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Audiencia Provincial de Burgos – Spanja) – Juan Moreno Marín, María Almudena Benavente Cardaba, Rodrigo Moreno Benavente vs Abadía Retuerta, SA

(Kawża C-139/16) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trade marks — Direttiva 2008/95/KE — Artikolu 3(1)(c) — Trade mark verbali nazzjonali La Milla de Oro — Raġunijiet għar-rifjut ta' regiżstrazzjoni jew ta' invalidità — Sinjal ta' oriġini ġegografika)

(2017/C 283/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Audiencia Provincial de Burgos

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Juan Moreno Marín, María Almudena Benavente Cardaba, Rodrigo Moreno Benavente

Konvenuta: Abadía Retuerta, SA

Dispożittiv

- 1) Sinjal bħal "la Milla de Oro", li jagħmel riferiment għall-karatteristika ta' prodott jew ta' servizz li tikkonsisti fil-possibbiltà li jinstab b'abbundanza, fl-istess post, tali prodott jew servizz, ta' valur u ta' kwalitā għolja, ma jistax jikkostitwixxi indikazzjoni ta' oriġini geografiċka, peress li dan is-sinjal għandu jkun akkumpanjat b'isem li jagħmel riferiment għal post geografiċku sabiex ikun jista' jiġi identifikat l-ispazju fiżiku li miegħu hemm assoċjata konċentrazzjoni qawwija ta' prodott jew ta' servizz, ta' valur u ta' kwalitā għolja.
- 2) L-Artikolu 3(1)(c) tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008, biex jiġu approssimati l-l-iġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks, għandu jiġi interpretat fis-sens li sinjal bħal "la Milla de Oro", li jagħmel riferiment għall-karatteristika ta' prodott jew ta' servizz li tikkonsisti fil-possibbiltà li jinstab b'abbundanza, fl-istess post, tali prodott jew servizz, ta' valur u ta' kwalitā għolja, jista' ma jaqax taħt il-karatteristiċi li l-użu tagħhom bħala trade mark jikkostitwixxi raġuni għal invalidità, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 200, 6.6.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Lulju 2017 – Toshiba Corporation vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-180/16 P) ⁽¹⁾

(Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq ta' proġetti relatati ma' switchgear iżolat bil-gass — Deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni Ewropea wara l-annullament parżjalment mill-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea tad-deċiżjoni inizjali — Modifika tal-multi — Drittijiet tad-difiża — Assenza ta' adozzjoni ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida — Ugwaljanza fit-trattament — Impriżza konġunta — Kalkolu tal-ammont inizjali — Grad ta' kontribuzzjoni fil-ksur — Awtorità ta' res judicata)

(2017/C 283/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Toshiba Corporation (rappreżentanti: J. F. MacLennan, Solicitor, S. Sakellariou, dikigoros, A. Schulz, Rechtsanwalt u J. Jourdan, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: N. Khan, aġġent)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Toshiba Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 175, 17.05.2016